



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-421/22

**“DOBELES AUTOBUSU PARKS” SIA et  
vs  
Iepirkumu uzraudzības birojs,  
“Autotransporta direkcija” VSIA**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts))

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta' Diċembru 2023**

“Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Trasport – Servizzi pubbliċi tat-trasport ta’ passiġġiera bil-ferrovija u bit-triq – Regolament (KE) Nru 1370/2007 – Artikolu 1(1) – Artikolu 2a(2) – Artikolu 3(1) – Artikolu 4(1) – Artikolu 6(1) – Kuntratt ta’ servizz pubbliku tat-trasport ta’ passiġġiera bix-xarabank – Proċedura ta’ għoti ta’ kuntratt pubbliku għal servizzi – Sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja – Speċifikazzjonijiet tal-kuntratt – Ammont tal-kumpens mogħti mill-awtorità nazzjonali kompetenti – Indiċjar limitat fiż-żmien u għal kategoriji speċifiċi ta’ spejjeż – Tqassim tar-riskji”

*Trasport – Servizzi pubbliċi tat-trasport ta’ passiġġiera bil-ferrovija u bit-triq – Regolament Nru 1370/2007 – Għoti ta’ kuntratti ta’ servizz pubbliku tat-trasport ta’ passiġġiera bix-xarabank – Proċedura ta’ sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja – Kumpens għall-ispejjeż tal-impriżi ta’ trasport ta’ passiġġiera inerenti għal obbligi ta’ servizz pubbliku – Arranġamenti għall-allokazzjoni tal-ispejjeż – Marġni ta’ evalwazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti – Possibbiltà għal dawn l-awtoritajiet li jipprevedu skema ta’ kumpens li ma tkoprix b’mod awtomatiku l-ispejjeż kollha marbuta mal-ġestjoni u mal-użu ta’ dan is-servizz – Ammissibbiltà – Assenza ta’ indiċjar regolari tal-ispejjeż – Ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità – Assenza*

*(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1370/2007, Artikoli 1(1), 2a, 3(1), 4(1) u 6(1))*

(ara l-punti 41 sa 44, 46 sa 52, 54 sa 56, 58, 59 u d-dispożittiv)

### Sunt

Fil-Latvja, tnediet proċedura ta’ sejħa għal offerti miftuħa għall-għoti tad-dritt li jiġu pprovduti servizzi pubbliċi ta’ trasport ta’ passiġġiera bix-xarabank fuq in-netwerk ta’ linji ta’ interessa reġjonali għal perijodu ta’ għaxar snin.

“Dobeles Autobusu parks SIA” u diversi kumpanniji Latvjani oħrajn, attivi fil-qasam tat-trasport, adixxew lill-Iepirkumu uzraudzības biroja Iesniegumu izskatīšanas komisija (il-Kummissjoni dwar l-Ilmenti tal-Uffiċċju ta’ Sorveljanza tal-Akkwist Pubbliku, il-Latvja) b’rikors li permezz tiegħu huma kkontestaw id-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Dan tal-aħħar u

l-abbozz tal-kuntratt korrispondenti kienu jistabbilixxu, skont huma, mekkaniżmu illegali ta' kumpens għas-servizz inkwistjoni li ma jipprevedix proċedura kompleta ta' reviżjoni tal-prezz ta' dan is-servizz fil-każ ta' varjazzjoni tal-ispejjeż li għandhom effett fuq dan il-prezz. Peress li din il-kummissjoni ċaħdet ir-rikors tagħhom, dawn il-kumpanniji adixxew lill-Administratīv rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali, il-Latvja). Dik il-qorti wkoll ċaħdet ir-rikorsi tagħhom, għar-raġuni, essenzjalment, li l-Istat ma huwiex obbligat, fil-proċedura ta' reviżjoni tal-prezz kuntrattwali tas-servizz, ikopri l-ispejjeż kollha tal-operaturi ta' servizz pubbliku ta' trasport, u li l-proċedura ta' indiċjar prevista fl-abbozz ta' kuntratt pubbliku ma hjiex kuntrarja għar-rekwiżiti imposti mir-Regolament Nru 1370/2007 dwar servizzi pubbliċi għat-trasport tal-passiġġiera bil-ferrovija u bit-triq<sup>1</sup>.

Adita b'appell fil-kassazzjoni, l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja), il-qorti tar-rinvju f'din il-kawża, iddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-Regolament Nru 1370/2007 jawtorizzax skema ta' kumpens li ma tipprevedix l-indiċjar regolari tal-prezz kuntrattwali fid-dawl taż-żidiet tal-ispejjeż inerenti għall-provvista tas-servizz li ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-offer rebbieħ.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri jistgħux, fil-kuntest ta' kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi wara sejħa għal offerti miftuħha, trasparenti u nondiskriminatorja, jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kumpens li jwassal sabiex jittrasferixxi lil fornitur ta' servizzi ta' trasport ta' passiġġiera riskji marbuta mal-iżvilupp tal-ispejjeż u li jinvolvi riskju li l-kumpens ma jkunx bizzarejjed minħabba ż-żieda ta' ċerti spejjeż. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-Regolament Nru 1370/2007 ma jipprekludix tali skema ta' kumpens, li ma timponix fuq l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-obbligu li jagħtu lill-fornitur ta' dan is-servizz pubbliku, suġġett għal obbligi ta' servizz pubbliku, kumpens sħiħ li jkopri, permezz ta' indiċjar regolari, kull żieda fl-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni u mal-operat ta' dan is-servizz li ma jaqgħux taħt il-kontroll tiegħu.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1370/2007, il-kuntratti ta' servizz pubbliku għandhom, minn naħħa, jistabbilixxu minn qabel, b'mod oġġettiv u trasparenti, il-parametri li abbażi tagħhom għandu jiġi kkalkolat il-kumpens, meta dan ikun previst<sup>2</sup>, u, min-naħħa l-oħra, jiddefinixxu l-modalitajiet ta' tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-provvista tas-servizzi<sup>3</sup>.

Minn dan jsegwi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, sa fejn huma għandhom l-obbligu li jistabbilixxu l-parametri għall-kalkolu tal-kumpens dovut lil fornitur ta' servizz pubbliku ta' trasport u li jiddefinixxu l-modalitajiet ta' tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-provvista ta' dan, igawdu, fil-kuntest ta' kuntratt ta' servizz pubbliku, minn marġni ta' diskrezzjoni sabiex jistabbilixxu l-mekkaniżmu ta' tali kumpens. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-possibbiltà ta' tqassim tal-ispejjeż timplika neċċesarjament li dawn l-awtoritajiet ma humiex obbligati jikkumpensaw l-ispejjeż kollha, iżda jistgħu jittrasferixxu lill-fornitur ta' dan is-servizz

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-transport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70, kif emdat bir-Regolament (UE) 2016/2338 tal-14 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 354, p. 22) (iktar 'il quddiem ir-“Regolament Nru 1370/2007”).

<sup>2</sup> L-inċiż (i) tal-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1370/2007.

<sup>3</sup> Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament Nru 1370/2007.

pubbliku r-riskji assoċjati mal-iżvilupp ta' wħud minnhom, mingħajr ma jkun rilevanti jekk dan il-fornitur jistax jew le jikkontrolla kompletament l-iżvilupp tagħhom, peress li din taqa' taħt ċirkustanzi esterni għall-imsemmi fornitur.

Għalhekk, mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1370/2007 jirriżulta li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jipprevedu, fl-eżerċizzju tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom, skema ta' kumpens li, minħabba l-parametri tal-kalkolu tagħha u l-modalitajiet ta' tqassim tal-ispejjeż iddefiniti minn dawn l-awtoritajiet, ma tiggarantixx, b'mod awtomatiku, lill-fornitur tas-servizz pubbliku ta' trasport li jkopri dawn l-ispejjeż kompletament.

Fit-tieni lok, wara li fakkret li r-Regolament Nru 1370/2007 huwa intiż li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kumpens sabiex jiġi żgurat servizz pubbliku tat-trasport ta' passiġġiera li jkun kemm effikaċi kif ukoll finanzjarjament profitabbli<sup>4</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeduċi minn dan li kull skema ta' kumpens għandha tkun intiżha mhux biss sabiex jiġi evitat kumpens żejjed tal-ispejjeż, iżda wkoll sabiex tiġi ffavorita effikaċja ikbar tal-fornitur ta' servizz pubbliku ta' trasport. Issa, skema ta' kumpens li tiżgura, f'kull ċirkustanza, il-kopertura awtomatika tal-ispejjeż kollha marbuta mal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' servizz pubbliku ma tinkludix tali incēntiv għal effikaċja ikbar, peress li l-fornitur inkwistjoni ma jkollux għalfejn jillimita l-ispejjeż tiegħu.

Min-naħħa l-oħra, skema ta' kumpens li, fl-assenza ta' indiċjar regolari, ma tkoprix, b'mod awtomatiku, dawn l-ispejjeż kollha, iżda twassal sabiex jiġi ttrasferiti ċerti riskji lill-fornitur tas-servizz pubbliku, tista' tikkontribwixxi għat-twettiq ta' tali għan. Fil-fatt, anki fir-rigward tal-ispejjeż li ma jaqgħu taħt il-kontroll tal-fornitur ikkonċernat, iż-żieda fl-effiċjenza li huwa kiseb jippermettulu jsahħħah il-vijabbiltà finanzjarja tiegħu sabiex jaffaċċja dawn l-ispejjeż, u dan jikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tajba tal-obbligli previsti mill-kuntratt ta' servizz pubbliku.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, meta l-għoti ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jsir wara proċedura ta' sejħa għal offerti, tali proċedura jkollha, fiha nnifisha, l-effett li tnaqqas għall-minnu l-ammont tal-kumpens dovut lill-fornitur tas-servizz pubbliku ta' trasport, u b'hekk tevita, permezz ta' aġġustament awtomatiku, mhux biss kumpens eċċessiv, iżda wkoll kumpens insuffiċjenti.

Fil-fatt, kull fornitur ta' servizzi li jiddeċiedi li jipparteċipa fi proċedura ta' sejħa għal offerti bl-għan tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jiddetermina huwa stess it-termini tal-offerta tiegħu, skont il-parametri rilevanti kollha u, b'mod partikolari, l-iżvilupp probabbli tal-ispejjeż li jistgħu jaffettwaw il-provvista tas-servizz, u b'hekk jiddefinixxi l-livell ta' riskju li huwa lest li jassumi. Għaldaqstant, jista' jiġi preżunt li l-offerta tiegħu tiżgħi tħalli, jekk jirba h il-kuntratt, rata ta' remunerazzjoni tal-kapital investit li tikkorrispondi għal-livell ta' riskju sostnut. Minn dan isegwi li skema ta' kumpens marbuta ma' kuntratt ta' servizz pubbliku mogħti wara proċedura ta' sejħa għal offerti miftuħha, trasparenti u nondiskriminatorja tiggarantixxi, fiha nnifisha, lill-fornitur ta' dan is-servizz pubbliku kopertura tal-ispejjeż tiegħu li tiżgħi tħalli wkoll kumpens xieraq, li l-ammont tiegħu jvarja skont il-livell ta' riskju li dan tal-aħħar huwa lest li jassumi.

<sup>4</sup> Artikolu 1(1), Artikolu 2a(2) u punt 7 tal-anness tar-Regolament Nru 1370/2007, moqrija fid-dawl tal-premessi 4, 7, 27 u 34 tiegħu.

Għaldaqstant, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma humiex obbligati, fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għal offerti, li jikkumpensaw awtomatikament, permezz ta' indiċjar regolari, l-ispejjeż kollha sostnuti mill-fornitur ta' servizz ta' trasport marbuta mal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' servizz pubbliku, irrispettivament minn jekk ikunux taħt il-kontroll tiegħu jew le, sabiex dan il-kuntratt jaġħi kumpens xieraq.

Barra minn hekk, l-assenza ta' mekkaniżmu ta' indiċjar regolari tal-ispejjeż ma tistax, fiha nnifisha, titqies li tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt, fornitur ta' servizzi ta' trasport, li jipparteċipa fi proċedura ta' sejħa għal offerti, huwa stess jiddetermina t-termini tal-offerta tiegħu u l-livell ta' riskju li huwa lest li jassumi fir-rigward tal-modalitajiet ta' kumpens li jinsabu fil-kuntratt ta' servizz pubbliku, b'mod partikolari, l-assenza ta' tali mekkaniżmu. Għaldaqstant, jekk awtorità nazzjonali kompetenti kellha tipprevedi, fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għal offerti, kundizzjonijiet irraġġonevoli jew eċċessivi fid-dawl tar-riskji li jkollhom jiġu assunti mill-fornitur tas-servizz pubbliku kkonċernat, ma tantx ikun probabbli li jitressqu offerti lilha, b'tali mod li din l-awtorità jkollha tbiddel dawn il-kundizzjonijiet sabiex tirrendihom kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fir-rigward tal-eventwalità li fornitur ta' servizzi tat-trasport ta' passiġġiera, bit-tama li jirba ħil-kuntratt, jiproponi prezz kuntrattwali li ma jiħux suffiċċjentement inkunsiderazzjoni żieda futura fl-ispejjeż u ma jistax jeżegwixxi l-kuntratt b'mod xieraq, din hija inerenti għal kull proċedura ta' sejħa għal offerti. Għalhekk, din l-eventwalità ma tiġġustifikax li l-kuntratti ta' servizz pubbliku konklużi wara proċedura ta' sejħa għal offerti miftuħa għandhom dejjem jinkludu mekkaniżmu ta' indiċjar regolari li jiggarantixxi, b'mod awtomatiku, kumpens sħiħ għal kull żieda fl-ispejjeż marbuta mal-eżekuzzjoni tagħhom, irrispettivament minn jekk ikunux taħt il-kontroll tal-fornitur jew le.